**TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR**

**CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL**

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Emanuel Falzon

vs

Edward Zahra - Rabat Marbles

CCT 49/21/MS

16 ta' Novembru 2022

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrentipprezentat fis-16 ta' Marzu 2021 fejn talab lil dan it-Tribunal jikundanna lill-intimat ihallsu s-somma ta' tlett elef u hames mitt euro, depozitu mhallas minnu ghal zewg sulari tarag tal-granit ordnati minghand l-intimat/ azjenda intimata, liema tarag ma kienux tal-istess kulur u material peress li xi turgien kienu aktar skura mill-bqija tat-tarag u diskrepanzi ohra fit-tqeghid tat-tarag;

Ra r-risposta tal-azienda intimata ipprezentat fit-2 ta' Novembru 2021 fejn cahdet it-talba tar-rikorrent u qalet illi ghalkemm il-kulur ta xi whud mitt-tarag seta' kien differenti mit-tarag l-ohra, dan ma kienx rizultat tal-fatt ii l-materjali kien differenti u dan ghaliex it-tarag kollha kienu maqtughin mill-istess materjal u kwalunkwe diskrepanza fil-kulur kien barra mill-kontroll tal-azjenda intimata.

Ra l-atti kollha tal-kawza

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi u mhux kontestat illi fis-sena 2018, l-azjenda intimata kienet inkarigata mir-rikorrent sabiex titqiehed tarag tal-granit 'Marine Pearl Light' fir-residenza 45, Triq Danny Cremona, Kirkop. Wara li sar hafna mix-xoghol, ir-rikorrent waqqaf l-azjenda intimata milli tkompli mix-xoghol, u dan peress illi skond hu, l-ewwel tlett turgien kienu differenti mill-bqija tat-tarag u ilmenti ohra kif ahjar spjegat fir-rapport tal-perit John Schembri.

L-avviz tar-rikorrent li jirriproduci r-rapport tal-perit Schembri, ighid hekk:

'As can be seen in the following photos, the first three steps are much darker than the rest of the stairs:
*The type of granite supplied by Rabat Marbles of Labour Avenue Rabat Malta, should have been all Marine Pearl Light but in fact, the granite of the first three steps are clearly of another colour. This is unacceptable.*
*Furthermore, the nosing of the threads are not protruding equally in all steps. There are differences of up to 1cm. This is also unacceptable.*
*Finally, one of the sides of the thread of a curved step is straight instead of curved.'*

Illi, min-naha taghha, l-azjenda intimata, tghid illi ghalkemm jista' jkun veru illi l-kulur ivarja u tlett turgien huma differenti mill-ohrajn, dan mhuwiex rizultat tal-fatt illi l-materjal kien differenti. Ikkonfermat illi huma marru fuq il-post diversi drabi u hadu magghom l-istess granit biex jaghmlu esercizzju ta' paragun tal-granit fuq il-post fejn irrizulta illi il-materjal kien jikkorrispondi mat-tarag kollha. Qalet wkoll, illi nonostante dan, xorta wahda offrew soluzzjonijiet lir-rikorrenti - liema proposti kienu rrifjutati mir-rikorrent.
L-azjenda intimata qalet ukoll illi l-valur totali ta' dak ordnat mir-rikorrent kien ta' €12,951.97 (inkluz il-VAT), u li r-rikorrent kien hallas depozitu ta' €3,500 . Fil-fatt, ghalkemm l-installazjoni tat-tarag ma kenitx kompluta, il-valur ta' dak illi lahaq gie installat qabel ma twaqqfet l-azjenda intimata kien ta' €9,375.40. Ghalhekk, skond l-istess azjenda intimata, bhalissa r-rikorrent ghandu jaghti lill-azjenda intimata €5,875.40 ghall-kumplament tax-xogholijiet illi saru s'issa.

ikkunsidra

Illi fil-mori tal-proceduri kien hemm diversi tentativi biex il-partijiet jippruvaw jilhqu soluzzjoni. Ghalkemm dawn it-tentattivi ma rnexxewx, jidher pero' illi l-azjenda intimata ghamlet minn kollox biex tippruva tissodisfa r-rikorrent. Fis-seduta tat-22 ta' Gunju 2022, Edward Zahra, ghalll-azjenda intimata, iddikjara illi kien lest li jirrifondi lir-rikorrent is-somma ta' tlett elef u hames mitt euro, u jiehu lura t-tarag. Illi invece, ir-rikorrent talab li jew it-tarag isir kif suppost, jew inkella ikun hemm hlas tad-danni li sofra.

Fic-cirkostanzi tal-kaz u anke peress illi nonostante diversi tentativi, l- partijiet ma rnexxilhomx isibu soluzzjoni biex it-tarag jitranga, it-Tribunal jidhirlu illi l-uniku soluzzjoni li baqa' huwa illi r-rikorrent jigi rifuz id-depozitu li hallas. Dan id-depozitu ta' tlett elef u hames mitt euro huwa fil-fatt il-massimu li r-rikorrent seta' jitlob fiz-zmien meta saret it-talba f'Marzu tas-sena 2021.

Illi qabel l-emendi tal-Att XLIV 2021, skond l-artikolu 20 tal-Att 378, it-Tribunal kellu gurisdizzjoni illi jisma' u jaqta' talbiet maghmula minn konsumaturi kontra kummercjanti

meta l-valur tat-talba, minbarra l-imghax u l-ispejjes, ma jkunx aktar minn tlett elef u hames mitt Euro.

L-emendi tal-Att XLIV tal-2021 dahlu fis-sehha wara t-23 ta' Lulju 2021, filwaqt li din il-kawza saret erba xhur qabel, f'Marzu 2021. Fiil-fatt, fl-avviz tieghu, r-rikorrent kien indika l-ammont ta' tlett elef u hames mitt euro bhala l-ammont li kien qed jitlob minghand l-intimat u dan kien fil-fatt il-massimu li seta' jitlob dak iz-zmien. Illi m'hemmx dubju li dan it-Tribunal ghandu jiddeciedi l-kawza skond it-talba tar-rikorrent u t-Tribunal huwa marbut kemm bit-talba kif ukoll bil-gurisdizzjoni u l-kompetenza ssenjati mill-istess ligi. It-Tribunal ghalhekk ma jistax imur oltre t-talba tar-rikorrentu..

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrent u jordna l-azjenda intimata tirrifondilu s-somma ta' tlett elef u hames mitt euro. Bi dritt tal-azjenda intimata li taqla' u tiehu lura it-tarag li gew installati wara li jsir id-debitu hlas.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru